**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 8 TA' MARZU, 2002

**Avviz Nru: 1639/01 AJD**

**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**Joseph Camilleri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' Novembru, 2001, fejn gie mitlub li l-konvenut jigu kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u erbghin lira Maltin u wiehed u tmenin centezmu (Lm140.81) rapprezentanti hlas ghal servizzii rezi mis-socjeta' attrici in konnessjoni mal-mobile phone bin-numru 0947 3622. Minkejja nterpellat sabiex ihallas diversi drabi, il-konvenut baqa' inadempjenti.
Bl-ispejjes, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment mal-Avviz tat-Talba u bl-interessi kontra l-konvenut mid-data meta l-ammont pretiz fit-talba kien dovut sad-data tal-pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez billi l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta' attrici mill-konvenut.

2. Salve eccezzjonijiet ohra.

Ra n-nota prezentata mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Jannar, 2002, fejn hija cediet is-sorte stante pagament, izda zammet ferm il-kap tal-ispejjes.

Ra li l-konvenut baqa' ma deherx u ma ssostanzjax l-eccezzjoni tieghu li l-pagament tas-sorte gie effetwat qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, it-Tribunal filwaqt illi jastjeni milli jiehu konjezzjoni ulterjuri tal-mertu, jikkundanna lill-konvenut ihallas l-ispejjes ta' din l-istanza.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**